MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1186/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tas-7 ta' Dicembru, 2007 l-isem gie mibdul ghall-'Go plc'**

**vs**

**Malta Music Festivals Ltd. (C42077)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta dahlet fi *Sponsorship Agreement* mas-socjeta' attrici li jgib id-data tal-wiehed u

tletin (31) t'Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), liema *agreement* ikopri l-attivitajiet organizzati mis-socjeta' konvenuta bejn l-ewwel (1) u t-tieni (2) ta' Novembru 2007, u senjatament il-loghba futboll taht it-titlu '*The Italy vs England Legends Football Match'*; il-*VIP Dinner* ta' wara l-loghba; u l-kuncert tas-*Simply Red*;

2. Illi s-socjeta' attrici halset lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' hmistax -il elf lira Maltin (Lm15,000), ekwivalenti ghal erbgha u tletin elf disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60) bhala *Sponsorship Fee*;

3. Illi socjeta' konvenuta assumiet a favur tas-socjeta' attrici numru ta' mpenji u obbligi li permezz taghhom kellha tinghata mmagini pozittiva tal-brand tas-socjeta' attrici;

4. Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta assumiet fuqha diversi mpenji u obbligi a favur tas-socjeta' attrici taht 'il fuq citat *Sponsorship Agreement*, u minkejja li hija kienet diga' rceviet minghand is-socjeta' attrici l-hlas shih tal-ammont tal-*iSponsorship Fee*, is-socjeta' konvenuta naqset milli tonora l-impenji u l-obbligi minnha assunti a favur tas-socjeta' attrici;

5. Illi *di piu'*, s-socjeta' konvenuta kkawzat danni rreparabbli lill-immagini tas-socjeta' attrici u dan kawza tan-nuqqasijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta u dan in partikulari kawza tal-kunfuzjoni fl-organizzazzjoni matul il-kors tal-*VIP Dinner* ta' wara l-loghba ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Novembru, meta diversi persuni, fosthom numru mibghuta mill-istess socjeta' attrici, thallew minghajr ikel jew sahansitra l-anqas biss thallew jidhlu; kif ukoll meta hija naqset li tizgura, kif kienet obbligata li taghmel, il-prezenza tar-rapprezentant maghzul mit-tim Ingliz fil-fond taghha sabiex jiltaqa' mal-pubbliku nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru;

6. Illi nterpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti, s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

7. Illi l-Avukat Dr. Keith Grech huwa mpjegat tas-socjeta' attrici u jaf b'dawn il-fatti personalment wara li vverifika ma' l-informazzjoni fil-pussess tas-socjeta' attrici;

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi s-socjeta' attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni;

(i) Issib lis-socjeta' konvenuta hatja ta' ksur tal-i*Sponsorship Agreement* kawza tal-inadempjenza taghha fl-osservanza tal-impenji u l-obbligi minnha assunti ai termini ta' l'fuq citat *Sponsorship Fee*;

(ii) Tordna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lura lis-socjeta' attrici l-ammont shih imhallas bhala *Sponsorship Fee* ammontanti ghal somma ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) ekwivalenti ghal erbgha u tletin elf disa' mija u erbghin Euro u sittin (€34,940.60);

(iii) Tillikwida dawk id-danni opportuni a favur tas-socjeta' attrici; u

(iv) Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex teffetwa l-hlas ta' l-istess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u tal-Mandati ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-imghaxijiet legali dekorrendo mill-wiehed u tletin (31) t'Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), kontra s-socjeta' konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li l-intimati debitament notifikati baqghu ma dehrux biex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti talbu li dina l-kawza tithalla ghal lum ghas-sentenza;

Peress illi t-talbiet tar-rikorrenti jidhru li huma gustifikati u mhux kontestati;

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti
Tikkundanna lis-socjeta’ intimata tirrifondi lura lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont shih imhallas bhala *Sponsorship Fee* ammontanti ghal erbgha u tletin elf disa’ mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60 ekwivalenti ghal hmistax-il elf lira Maltin - Lm15,000) liema ammont ghandu wkoll jirrapprezenta d-danni sofferti mir-rikorrenti.
Bl-ispejjez kontra l-intimati;
U bl-imghax  legali mill 31 ta’ Awissu 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------